MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 201/2015

**Banif Bank (Malta) plc**

**vs**

**Justin Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-16 ta’ Frar 2015 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpannija esponenti hi bank kummercjali licenzjat taht il-ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-konvenut huwa klijent tal-kumpannija esponenti u ha minn ghandha self in relazzjoni mal-htigijiet tan-negozju tieghu;

3. Illi s-self kien jikkonsisti f'Business Overdraft t'ghoxrin elf euro (€20,000) li nghata ai termini ta' Credit Agreement datat 8 ta' Lulju 2010 (ara Dok. 'A') u Kuntratt datat 17 ta' Gunju 2010 maghmul fl-atti tan-Nutar Dr. Marthese Felice (ara Dok. 'B');

4. Illi l-konvenut naqas milli jhallas lura dan is-self u konsegwentement, il-bilanc dovut mill-konvenut hu ta' hmistax-il elf, tlett mija, tlieta u sittin euro u sitta u sittin centezmu (€15,363.66). Dan l-ammont jinkludi imghaxijiet ta' mija u tmintax-il euro u sebgha u hamsin centezmu (€118.57), kif kalkulati sad-29 ta' Jannar 2015 u jikkoncerna Current Account numru 97276 10 001 (ara Dok. 'C);

5. Illi l-ammont fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tieghu mill-konvenut lill-kumpannija esponenti ai termini ta' artikolu 11(m) tal-Credit Agreement gja citat u dan ghax kif jistipula f'dan l-istess artikolu, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmijin f'dan il-Credit Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";

6. Illi l-kumpannija esponenti ittentat tinterpella lill-konvenut diversi drabi biex ihallasha d-dejn, fosthom permezz t'ittra legali datata 27 ta' Jannar 2014 (ara Dok. 'D') u ittra ufficjali numru 2565/2014 datata 20 t'Awissu 2014 (ara Dok. 'E'), izda dan baqa' inadempjenti;

7. Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpannija esponenti;

8. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, il-kumpanija esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-konvenut sar debitur tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €15,363.66; u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpannija esponenti l-ammont komplessiv ta' €15,363.66,

Bl-ispejjez, bank charges and fees u bl-imghaxijiet mid-29 ta' Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

,

Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Credit Agreement msemmi f'din il-kawza u t-Tariff of Charges relattivi ghall-Current Accounts (ara Dok. 'F').

L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rata t'ghaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammont dovut u dan ai termini tal-istess Tariff of Charges fuq imsemmija (ara marker bl-ahdar fuq Dok. 'F).

Dawn it-Tariff of Charges tqiesu li saru japplikaw ghall-konvenut appena dan naqas milli jhallas.

Il-konvenut hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess konvenut.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-20 ta’ April 2015 fejn il-konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut ihallas lil bank attur l-ammont komplessiv ta' hmistax-il elf, tlett mija, tlieta u sittin euro u sitta u sittin centezmu (€15,363.66), bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet li bdew jiddekorru mid-29 ta'Jannar 2015 skond it-talba u l-prospetti esebiti sad-data tal-pagament effettiv. Spejjez ghall-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------